MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 153/2009

Kawza fil-lista: 12

**A B C f' isimha prorpju**
**u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri D E**
**vs**
**F G**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-23 ta' Mejju 2008 gie konfermat li t-tifel D E, li twieled mill-attrici fit-30 ta' Awissu 2006, huwa fil-fatt il-wild naturali tal-konvenut; li, nonostante din is-sentenza, il-konvenut "qatt ma hallas manteniment ghall-bzonnijiet tal-minuri, liema tarbija ilha tigi mantnuta sa mit-twelid taghha esklussivament mill-attrici"; li l-attrici ghandha nteress li hi tigi fdata bil-kura u kustodja ta' l-imsemmi tifel,

u li tigi fissata retta alimentarja xierqa pagabbli lilha mill-konvenut ghall-istess minuri; li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni skond il-ligi biex tipprocedi ghall-kawza odjerna; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tafda l-kura u kustodja tat-tifel minuri lill-attrici; [2] tiddikjara li l-konvenut huwa obbligat jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' ibnu; [3] tillikwida dan il-manteniment; [4] tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici dan il-manteniment hekk likwidat; [5] tillikwida l-arretrati ta' manteniment dovuti lill-attrici mid-data tat-twelid tal-minuri; u [6] tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attrici l-ammont hekk likwidat; bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda in sostanza titlob li din il-Qorti tafdaha bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri Aiden E li twieled fit-30 ta' Awissu 2006, kif ukoll il-konvenut, missier l-istess tarbija, jikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tarbija, kif ukoll sabiex ihallas l-arretrat ta' manteniment fissat minn din il-Qorti.

**Il-Fatti**

[1] Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li fit-30 ta' Awissu 2006 twieled it-tifel Aiden E mill-attrici, mara separata b'zewgt itfal ohra, u mill-konvenut, ragel mizzewweg b'tifla mwielda fiz-zwieg.

Illi b' sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-23 ta' Mejju 2008, gie konfermat li l-konvenut huwa missier it-tarbija.

[2] Illi mid-data tat-twelid, il-konvenut ma hallasx manteniment ghal ibnu Aiden E, u allura l-ispejjez kollha

relattivi ghal din it-tarbija waqghu esklussivament fuq l-attrici li kienet tiehu biss ic-children' allowance tat-tifel.

[3] Illi mill-prospetti u dikjarazzjoni guramentati tal-partijiet jirrizulta li l-attrici ghandha mpieg b' salarju nett ta' €12,935 [2008], filwaqt li l-konvenut ghandu mpieg b' salarju nett ta' €938.82[2010]. Il-Qorti tosserva li ma jirrizultax jekk il-konvenut, li jahdem bhala kuntistabbli mal-korp tal-pulizija, jaghmilx overtime.

[4] Illi minn prospetti[1] guramentati prezentati mill-attrici din tghid li mat-twelid tal-minuri kellha hi bzonn tixtri hafna affarijiet fosthom pushchair, playpen u hwejjeg necessarji li jintuzaw mat-twelid ta' tarbija, u f' dan ir-rigward hija nefqet is-somma sostanzjali ta' €1,490 [LM640].

Fir-rigward il-Qorti tosserva li ma gewx prezentati ricevuti, liema fatt jikkostitwixxi mankanza manifesta fil-provi tenut kont tal-fatt li l-attrici kellha l-intenzjoni li tipprocedi, kif fil-fatt ghamlet, ghar-rifuzjoni ta' parti minn dawn l-ispejjez. Inoltre ma jirrizultax jekk fil-fatt dawn kienux inxtraw mat-twelid tal-minuri, jew inkellha kienux diga' ghandha tenut kont tal-fatt li ghandha zewg it-tfal ohra minuri [mantnuti minn missierhom]. Fic-cirkostanzi, il-Qorti, tikkonsidera li l-ammont pretiz huwa pjuttost gholi, u thoss li l-ammont ta' €349.50 huwa aktar verosimili, in mankanza ta' provi ulterjuri. Ghalhekk sehem il-konvenut minn dawn l-ispejjez huwa ta' €174.75.

Illi rigward l-ammont ta' €95.34 pretiz minnha fit-tieni prospett, rapprezentanti spejjez relatati ma' l-edukazzjoni tat-tifel li ser jibda l-iskola, il-Qorti tikkunsidera dan l-ammont verosimili u taccettah bhala korrett. Ghalhekk sehem il-konvenut minn dawn l-ispejjez huwa ta' €47.67.

Ghalhekk b' kollox il-konvenut ghandu jaghti lill-attrici s-somma ta' mitejn tnejn u ghoxrin ewro u tnejn u erbghin centezmu [€222.42].

[1] Fol.36 u Fol.50

[5] Illi din il-Qorti, wara li kkunsidrat ic-cirkostanzi finanzjarji tal-partijiet, tikkunsidra li retta alimentarja ta' €140 [LM60] kull erba' gimghat hija kontribuzzjoni gusta da parti tal-konvenut ghal manteniment ta' ibnu; inoltre, il-konvenut ghandu jhallas nofs l-ispejjez kollha relatati ma' l-edukazzjoni u l-iskola tal-minuri, kif ukoll nofs l-ispejjez ta' natura straordinarja, inkluzi spejjez ta' nuccali u dawk tal-braces ghas-snin tal-minuri, kif ukoll spejjez ta' specjalisti medici, fejn hemm bzonn. L-attrici ghandha tinforma lill-konvenut, possibbilment bil-miktub, qabel ma jsiru dawn l-ispejjez u bil-htiega taghhom.

[6] Illi rigward il-kura u kustodja tal-minuri, l-interess tal-minuri, tenut kont tac-cirkostanzi tal-partijiet, jiddettaw li din tkun f'data lill-attrici esklussivament, b' access liberu ghal missier; Izda decizjonijiet importanti fil-hajja tal-minuri relatati mas-sahha u ma' l-edukazzjoni tieghu, partikolarment l-ghazla ta' l-iskola, ghandhom jittiehdu kongutivament.

[7] Illi kull beneficju socjali relatat mal-minuri ghandu jigi percepit fl-intier tieghu direttament mill-attrici.

[8] Illi, apparti l-ammonti fuq indikati, il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' €1,761 [LM756] rapprezentanti manteniment arretrat, komputat bir-rata mensili ta' €140 [ekwivalenti ghal LM60], ghall-perijodu li jestendi mit-30 ta' Awissu 2006 sat-30 ta' Mejju 2010.

Minn dan l-ammont ghandhom jitnaqqasu l-ammonti li jkunu gja mhallsa minnu in forza tad-digriet moghti fil-15 ta' Settembru 2009.[2]

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba u tafda l-kura u kustodja tal-minuri D E esklussivament lill-attrici, bid-dritt ta' access liberu favur il-missier;

[2] Fol.45

[2] tilqa’ t-tieni talba;

[3] tilqa’ t-tielet talba u tiffissa l-kontribut tal-konvenut ghall-manteniment ta’ ibnu fl-ammont ta’ €140 kull erba’ gimgha, revidibbli kull sentejn skond l-indici ufficjali ta’ l-gholi tal-hajja. Dan il-manteniment ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tieghu, u jintbaghad direttament lill-attrici fl-indirizz residenzjali taghha; inoltre, il-konvenut ghandhu jhallas nofs l-ispejjez kollha relatati ma’ l-edukazzjoni u l-iskola tal-minuri, kif ukoll nofs l-ispejjez ta’ natura straordinarja, inkluzi spejjez ta’ nuccali u dawk tal-braces ghas-snin tal-minuri, kif ukoll spejjez ta’ specjalisti medici, fejn hemm bzonn. L-attrici ghandha tinforma lill-konvenut, possibbilment bil-miktub, qabel ma jsiru dawn l-ispejjez;

[4] tilqa’ ir-raba’ talba;

[5] tilqa’ il-hames talba, u tillikwida l-arretrati ta’ manteniment dovut lill-attrici mill-konvenut fl-ammont komplessiv ta’ €1,761.48, oltre l-ammont ta’ €222.42 – b’ kollox €1,983.39, nieqes l-ammonti gja mhallsa mill-konvenut;

[6] tilqa’ is-sitt talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------